MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Frar, 2007

Numru 1061/2006

Il-Pulizija
(Spettur Michael Mallia)

vs

Alan Muscat

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Alan Muscat detentur ta' karta ta' identita' numru 345586M, akkuzat talli:

Nhar it-2 ta' April 2005, ghall-habta tad-disa' ta' filghaxija, f'Hal-Qormi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi wahhal pjanca tar-registrazzjoni falza bin-numru FBK693 fuq mutur tal-

ghamla NEN-FANG li ghandu numru tax-'Chassis' 97040219;

Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat billi wahhal in-numru tar-registrazzjoni falz bin-numru FBK693, fuq mutur tal-ghamla NEN-FANG li ghandu numru tax-'Chassis' 97040219;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat f'din l-ewwel udjenza jammetti l-akkuzi fl-intiera ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Illi stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat qeghdha ssibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Rat ghalhekk l-Artikolu 167, 169, 172, 183, 189 u 17 tal-Kap 9, tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal zmien sena mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------